**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 18 ta' Mejju 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Galea)**

**Vs**

**Isaac Abela**

**Kump Nu: 304/2020**

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Isaac Abela**, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru **0414696M**, fejn gie akkuzat talli nhar l-04 ta' Lulju 2020 għal-ħabta tat-tlieta u kwart ta' filgħodu (03:15hrs) waqt li kont fl-istabbiliment Gianpula sitwat fi Triq Gianpula fil-limiti tar-Rabat, Malta;

1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna offiżi gravi fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Nathan Luke Borg hekk skond kif iċċertifika Dr. Matthew Ellul M.D. mil-Isptar Mater Dei;

2. u aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddieħor, mobbli jew immobli u ċioe' kisser nuċċali, liema ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt euro (€2500) iżda hija iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250) għad-dannu ta' Nathan Luke Borg u/jew persuna/i oħra;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi b'xi mod ieħor mhux imsemmi bandoħra fil-Kodiċi Kriminali, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Il-Qorti hija mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' ta' Nathan Luke Borg jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku jew għall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familja tiegħu minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skond l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 u f'każ ta' ħtija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi għas-sigurta' ta' l-persuna offiża u l-familja tiegħu ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385, u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat ir-rinvio a giudizio tal-Avukat Generali tal-5 ta' Ottubru 2021 (ara folio 137) u l-kunsens ta` l-imputat moghti fl-udjenza tallum stess.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f’dawn il-proceduri;

Qieset dak ivverbalizzat mill-partijiet kolleggjalment fl-udjenza tallum stess fejn, *inter alia*, gie dikjarat li l-feriti sofferti jinkwadraw biss fl-Artikolu 216 u mhux fl-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara tali dikjarazzjoni, semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu (limitatament ghall-Artikolu 216 u mhux l-Artikolu 218 Kap 9) u l-insistenza f’din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena/sanzjoni.

**Ikkunsidrat**;

Illi in vista ta’ din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x’jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, li wara kollox jikkonfortaw din l-istess ammissjoni, l-Qorti m’ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena/sanzjoni din il-Qorti qed tqis l-ammisjoni tal-imputat, il-fatt tar-riduzzjoni fl-akkuza fis-sens illi ghandu japplika l-Artikolu 216 u mhux l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u fuq kollox id-dikjarazzjoni bil-miktub, esebita in atti fl-udjenza tallum stess, maghmulha minn Nathan Luke Borg, fejn hemm accertat li huwa kien ircieva kumpens xieraq ghad-danni minnu sofferti f'dan l-incident, mertu ta` din il-kawza.

**Konkluzjoni.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 15A, 17, 31, 214, 215, 216 (1)(a)(ii)(iii)(b)(c)(d)(2), 221(1)(3)(b)(4), 325(1)(b), 338(dd), 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati, fuq ammissjoni tieghu stess, ta` l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu (limitatament ghall-Artikolu 216 fejn si tratta ta` l-ewwel imputazzjoni) u minflok piena qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin millum u dana ai termini ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikser din l-Ordni mposta.

**Ordni skond l-Artikoli 382A u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Finalment, bis-sahha u ai termini ta` l-Artikoli 382A u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u fid-dawl tal-atteggjament tieghu, kif rizultanti mill-atti, fil-konfront ta' Nathan Luke Borg u bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` u ghall-protezzjoni tal-persuna msemmija, u ghaz-zamma tal-ordni pubbliku, l-Qorti qeghda bil-prezenti u f'termini generali taghmel Ordni ta` Trazzin fil-konfront

tal-hati Isaac Abela billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-istess Isaac Abela milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuna msemmija, u billi tipprojbixxi lil Isaac Abela milli jikkuntattja jew jimmolesta lill-persuna msemmija,

U dana l-Ordni ghandu jibqa fis-sehh ghall-perjodu massimu dispost mill-Ligi li jibda jiddekorri mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikat.

Il-Qorti fissret lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikser din l-Ordni mposta.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur